# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, il-Hamis, 18 ta' April, 2019**

**Rikors Numru 208/19TA**

**Fl-atti:-**

1. **tal-mandat ta' sekwestru numru 1037/18 u**

2. **fl-atti tac-Cedoli numri 1418/2018, 1594/2018, 2374/2018 u 432/19**

3. **fl-atti tal-kawza 676/2018 SM fl-ismijiet:**

**Alfred Schembri (KI nru. 459490M)**

**vs**

**Johann Schembri (KI nru. 556577M),**
**Jocas Limited (C 66963),**
**Soutwin Properties Limited (C 40933)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors ta' Johann Schembri u ohrajn tat-28 ta' Frar 2019.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess Rikors.

Rat id-Digriet taghha tal-5 ta' Marzu 2019.

Rat ir-Risposta ta' Alfred Schembri tas-26 ta' Marzu 2019.

Rat id-dokumenti l-ohra esebiti mill-partijiet fil-kors tar-Rikors.

Semghet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet *in camera*.

**Konsiderazzjonijiet**

Ir-rikorrenti qeghdin jibbazaw it-talba taghhom ghall-hrug ta' kontro mandat ghall-mandat ta' sekwestru li fl-atti tieghu qeghdin isiru dawn il-proceduri, minhabba l-fatt, li l-ammont kollu pretiz fil-Kawza istitwita mill-intimat kontra r-rikorrenti, u cioe` dak ta' mitt elf, hames mija u disgha u tmenin punt wiehed u ghoxrin centezmu tal-ewro (€100,589.21), illum jinsab depositat taht l-Awtorita` tal-Qorti bis-sahha ta' erbgha cedoli ta' depositu maghmula, tnejn il-Bank of Valletta p.l.c, wahda minn BNF Bank p.l.c  fil-kwalita` taghhom ta' sekwestratarji u ohra mill-intimati nnifishom.

Huwa minnu, li meta tghodd l-ammonti depositati, dawn jammontaw ghas-somma li qed tkun pretiza mis-Socjeta` intimata (ara kopja tal-mandat ta' sekwestru a` fol 42).  Izda fost sottomissjonijiet ohra fir-risposta taghha, is-Socjeta` intimata qeghdha targumenta, li mhux kull somma depositata tappartjenti lil kull wiehed mill-esponenti, konvenuti fil-kawza, tammonta ghall-ammont kawtelat u dan meta l-kawza hija ndirizzata kontra kull wiehed minnhom *in solidum*.

Il-Qorti ezaminat kemm ir-rikors guramentat li permezz tieghu s-Socjeta` intimata iddeduciet il-pretensjoni taghha u kif ukoll ir-risposta ossia eccezzjonijiet tal-esponenti, konvenuti f'dik il-Kawza (ara minn a` fol 24 sa fol 40). Permezz tal-imsemmi rikors guramentat qeghdin jintalbu danni fil-konfront ta' kull wiehed mill-esponenti f'ammonti li ghad iridu jigu likwidati fil-waqt li fir-risposta taghhom, l-esponenti kemm fir-rigward tas-Socjeta` Soutwin Properties Ltd u anke ta' Johann Schembri qeghdin jitolbu li jkunu liberati mill-osservanza tal-gudizzju peress li jippretendu li ma humiex il-legittimi kontradittur.

Ezaminat ukoll dettaljatament l-ammonti depositati fl-erbgha cedoli msemmija u rrisulta lil din il-Qorti, li fost l-ammonti hekk depositati b'mod kumulattiv b'mod globali jammontaw ghall-ammont pretiz, izda mhux individwalment ghal kull wiehed mill-esponenti. Dan qieghed jinghad fid-dawl, li ghad irid ikun stabbilit f'liema proporzjon ghandhom jinsabu responsabbli, jekk qatt, kull wiehed mill-intimati u dan anke fid-dawl li tnejn minnhom qeghdin jitolbu li jkunu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Mic-cedoli msemmija, tnejn minn dawk li qeghdin jitolbu li jkunu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, u cioe` Johann Schembri u Soutwin Properties Ltd, bejniethom ghandhom mhux inqas minn tmienja u tmenin elf ewro (€88,000) mill-ammonti li gew depositati (ara cedola 1418/18, €7,100.01 ta' Johann Schembri; cedola 1594/18, €23,000 ta'

Johann Schembri u cedola 2374/18, €57,712.72 ta' Soutwin Properties Ltd). Jocas Ltd, li allura skont l-eccezzjonijiet tal-Konvenuti f'dik il-kawza l-aktar li ghandha twiegeb ghandha tlettax-il elf ewro (€13,000) (Ara cedola 1418/18 ).

Huwa minnu, li l-kundanna qeghdha tintalab b'mod solidali fil-konfront tat-tlett konvenuti. Izda s-solidarjeta` issib l-applikazzjoni taghha bejn dawk li jinsabu responsabbli. Huwa minnu ukoll, li l-esponenti ghidu li dan il-mandat ghandu jigi revokat *"u dan salv li l-ammonti depositati permezz tac-cedoli imsemmija jibqghu depositati u jservu bhala garanzija fl-intier taghhom u jigu rilaxxjati lil min ghandu dritt ghalihom* ***skont l-eventwali sentenza tal-Qorti fl-ismijiet Alfred Schembri -vs-Johan Schembri et [Rik. Gur 676/2018]"*** (Kliem accentwat in grass ta' din il-Qorti).

Dan huwa l-kwezit li ghandha quddiemha din il-Qorti. Jekk ex-ipotezi, "***skont eventwali Sentenza"*** wahda jew iz-zewg Socjetajiet Konvenuti jirrisulta li ghandhom argumenti fondati fil-ligi biex jigu liberati mill-osservanza jew li jinsabu responsabbli fi grad minuri u dan meta bejniethom, kif inghad aktar 'l fuq, ghandhom €88,000 taghhom depositati, kif ser ikunu kkawtelati l-pretensjonijiet tal-intimat f'dik il-kawza, fil-konfront ta' Jocas Ltd? Dan jinghad ukoll, ghaliex bl-eccezzjonijiet tal-Konvenuti f'dik il-Kawza, jargumentaw li jekk qatt ghandha tinstab responsabbilta`, din ghandha tintrefa' biss mis-Socjeta`

Jocas Limited li bhala tali kull ma ghandha mill-ammonti depositati huwa dak ta' €13,000.

L-artiklu 836(1)(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta irid jinqara flimkien mal-artiklu 830(2)(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi li f'dan il-kaz is-Sekwestrant sabiex jottjeni l-hrug ta' kontro-mandat irid jaghmel "*depositu jew jaghti garanzija illi, fl-opinjoni tal-Qorti , skont ic-cirkostanzi tal-kaz, ikunu bizzejjed biex iqeghdu fiz-zgur il-jeddijiet jew pretensjonijiet"* ta' min ikun ottjena l-hrug tal-mandat kawtelatorju u ddeduca l-pretensjoni tieghu b'kawza fiz-zmien li trid il-ligi biex il-mandat jibqa' haj.

Meta dan l-artiklu jinqara fid-dawl tal-kliem "*garanzija xierqa ohra*" f'artiklu 836((1)(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta din giet imfissra hekk mill-Qrati taghna fil-provvediment fl-ismijiet **Helen Camilleri vs Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw il-wirt battal tal-mejjet Dun Luigi Camilleri** (25.04. 2014 JRM):-

*"Illi biex jista' jinghad li tezisti garanzija xierqa ohra li taghmel tajjeb ghall-pretensjoni ta' min talab il-hrug tal-Mandat ghall-finijiet tal-Artikolu 836(1)(c) tal-Kodici, irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinstab fi hdan li stess persuna ezekutata, u dan, generalment, minn stharrig gid li hija jista' jkollha, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor". ....... Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piz tal-prova li jezisti gid iehor li jista' jaghmel tajjeb ghall-pretensjonijiet*

*tal-intimat ezekutant jaqa' biss fuq il-parti ezekutata rikorrenti. Fuq kollox, tali garanzija trid tkun wahda soda, cara u realizzabbli lill-ezekutant; (emfasi mizjuda)."*

Ghalhekk tenut kont li kull wiehed mill-esponenti jista' jwiegeb fl-ammont kollu, parzjalment jew sahansitra jista' ukoll jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju, fi stadju fejn dan ma jistax ikun maghruf, l-ammont pretiz mill-intimat fil-kawza, bid-depoziti fuq imsemmija, ma jistax jinghad li kull wiehed minnhom qieghed jaghti garanzija li hija "**soda, cara u rejalizzabbli.**" (ara ukoll **decizjoni fl-atti tal-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 1327/13 fl-ismijiet Sebastian Muscat vs Marlon Mifsud moghtija fit-8 ta' Jannar, 2014 per Magistrat Consuelo-Pilar Scerri Herrera** fejn anke issir referenza ghas**-Sentenzi fl-ismijiet Ranger Company Limited vs Euro Imports Limited deciza fl-20 ta' Frar, 2003 u Ryan John Farrugia vs Olive Gardens Investments Limited et deciza fit-3 ta' Settembru, 2012**).

Il-Qorti ghalhekk thoss, minhabba r-ragunijiet fuq spjegati, bid-depositi imsemmija l-esponrti f'dan ir-rikors ma rnexxilhomx igibu garanzija xierqa fit-termini tal-artikolu 836(1)(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Konsegwentement dan ifisser ukoll li fit-termini tal-artiklu 830(2)(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti ma hiex konvinta li l-ammonti depositati huma bizzejjed biex iqeghdu fiz-zgur il-jeddijiet u l-

pretensjonijiet tal-intimat fil-Kawza minnu istitwita f'kaz ta' ezitu favorevoli ghalih.

**Provvediment**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija,din il-Qorti qeghdha tipprovdi dwar ir-rikors ta' Johann Schembri et tat-28 ta' Frar 2019, billi tichad it-talbiet kollha.

Spejjes tal-presenti mad-Decizjoni finali dwar il-mertu tal-Kawza fir-rikors numru 676/18 SM fl-ismijiet fuq premessi.

**Moghti kameralment illum 18 ta' April, 2019**

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**